



Brussell, 16 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11717/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0019(COD)**

**CODEC 1203
AGRILEG 189
SEMENCES 38
AGRI 409
PE 91**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-estensjoni tat-terminu tad-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità għall-ispeċijiet tal-ispraġ, u għall-gruppi tal-ispeċijiet tal-basal tal-fjuri, għall-pjanti għudin bi frott żgħir u għall-pjanti ornamentalni għudin - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit- 13 sas-16 ta' Settembru 2021)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, Norbert LINS (PPE, DE), ippreżenta emenda ta' kompromess (l-emenda numru 1) għall-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament f'isem il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOT

Meta vvotat fit-13 ta' Settembru 2021, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 1) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta' Settembru 2021 kif tidher fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2021)0363

Drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità: estensjoni tat-terminu għal ċerti varjetajiet *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-estensjoni tat-terminu tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti *għal varjetajiet tal-ispeċi Asparagus officinalis* L. u *tal-gruppi tal-ispeċijiet tal-basal tal-fjuri, għall-pjanti għudin bi frott żgħir u għall-pjanti ornamentali għudin* (COM(2021)0036 – C9-0010/2021 – 2021/0019(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0036),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 118 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0010/2021),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2019³,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat(i) responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Lulju 2021, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0171/2021),

³ ĠU C 220, 9.6.2021, p. 86.

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinsab hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-14 ta' Settembru 2021 bil-ħsieb li jiġi adottat ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-estensjoni tat-terminu tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti *għal varjetajiet tal-ispeċi *Asparagus officinalis* L. u tal-gruppi tal-ispeċijiet tal-basal tal-fjuri, għall-pjanti għudin bi frott żgħir u għall-pjanti ornamentali għudin*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 118, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 220, 9.6.2021, p. 86.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2021

Billi:

- (1) Id-diffikultajiet tekniċi fit-tniissil, minħabba kuntesti ġenetiċi kumplessi jew minħabba r-riproduzzjoni bil-mod jew teknikament ikkumplikata tal-ispeċi *Asparagus officinalis* L. u tal-gruppi ta' speċijiet tal-basal tal-fjuri, tal-pjanti għudin bi frott żgħir u tal-pjanti ornamentali għudin, jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' investimenti fl-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Ladarba tingħata l-protezzjoni tad-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti għal dikl-ispeċi u għal dawk il-gruppi ta' speċijiet, iridu jgħaddu s-snin biex il-pjanti jimmultiplikaw u jinbena stokk li jkun kbir biżżejjed biex jiġġenera dħul raġonevoli. Għaldaqstant, iż-żmien li matulu d-detentur tad-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti jkun jista' jiġġenera dħul abbażi ta' dik il-protezzjoni huwa limitat ■ . Biex jitħeġġu l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp għal ■ varjetajiet ta' dik l-ispeċi u **ta' dawk** tal-gruppi ta' **speċijiet**, jeħtieġ li jittawwal it-terminu ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti u li jiġu **inċentivizzati** l-attivitajiet ta' tniissil biex jiġu żviluppati varjetajiet ġodda sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-bdiewa u tal-konsumaturi u biex jiġi indirizzat l-impatt tat-tibdil fil-klima. Biex irendu l-profitti, dawk l-investimenti jeħtieġu **aktar żmien** minn dak għall-maġġoranza l-kbira ta' speċijiet oħra, bħall-għelejjel agrikoli, li spiss ikollhom ħajja iqsar u firxa akbar u aktar wiesgħa ta' konsumaturi.
- (2) **L**-introduzzjoni fis-suq u l-adozzjoni fis-suq ta' varjetà ġdida tal-ispeċi *Asparagus officinalis* L. u tal- gruppi ta' speċijiet tal-basal tal-fjuri, tal-pjanti għudin bi frott żgħir u tal-pjanti ornamentali għudin jeħtieġu **aktar żmien sabiex dik il-varjetà ġdida tirrendi profit milli għal speċijiet oħra** , peress li l-esperjenza wriet li tali varjetà ġdida tiżvela l-valur kummerċjali tagħha fit-tul biss. Għal dawk ir-raġunijiet, ir-rifużjoni ekwa tal-investimenti fir-riċerka u żvilupp hija possibbli biss fi stadju pjuttost tard tal-protezzjoni ta' dik l-ispeċi u ta' dawk il-gruppi ta' **speċijiet** meta mqabbla ma' **speċijiet** ■ oħra.

- (3) *Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94⁴ jistabbilixxi sistema ta' drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti bħala l-forma unika u esklussiva ta' drittijiet Komunitarji tal-proprjetà industrijali għall-varjetajiet ta' pjanti. F'konformità mal-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament, it-terminu tad-dritt tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti jrid jiddekorri sat-tmien tal-25 sena kalendarja jew, fil-każ ta' varjetajiet ta' speċijiet ta' dwieli u siġar, sat-tmien tat-30 sena kalendarja, sussegwentement għas-sena tal-għoti tad-dritt.*
- (4) Sabiex jiġi stabbilit ambjent legali li jwassal għall-kisba ta' rifużjoni ekwitabbli, jixraq li t-terminu tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti **għal varjetajiet tal-ispeċi *Asparagus officinalis* L.** u tal-gruppi tal-ispeċijiet tal-basal tal-fjuri, tal-pjanti għudin bi frott żgħir u tal-pjanti ornamentali għudin jittawwal b'ħames snin oħra. **Dik l-estensjoni jenħtieġ li tapplika għad-drittijiet mogħtija qabel, fi, jew wara, id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.**
- (5) Għal raġunijiet ta' konsistenza, jenħtieġ li tali estensjoni tapplika għad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti kollha **għal varjetajiet tal-ispeċi ta' *Asparagus officinalis* L.** u tal-gruppi tal-ispeċijiet tal-basal tal-fjuri, tal-pjanti għudin bi frott żgħir u tal-pjanti ornamentali għudin.
- (6) Jenħtieġ li l-perjodu tal-estensjoni jitnaqqas jekk id-drittijiet nazzjonali ta' proprjetà **għal** daww il-varjetajiet kienu effettivi fi Stat Membru qabel l-għoti ta' dritt tal-Komunità ta' varjetajiet ta' pjanti u, għaldaqstant, ikunu diġà ppermettew lin-nissjela tal-pjanti jisfruttaw il-varjetajiet tagħhom,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1).

Artikolu 1

Estensjoni tat-terminu ta' drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti

1. *It-terminu tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti, kif previst fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, għandu, għal varjetajiet tal-ispeċi *Asparagus officinalis* L. u tal-gruppi tal-ispeċijiet tal-basal tal-fjuri, tal-pjanti għudin bi frott żgħir u tal-pjanti ornamentali għudin* , jiġi estiż b'ħames snin.
2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 116(4), ir-raba' inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 2100/94.

Artikolu 2

Tnaqqis tal-estensjoni

Għal varjetajiet ta' pjanti li lilhom ikun ingħata dritt nazzjonali wieħed jew aktar ta' varjetajiet ta' pjanti qabel l-għotja ta' dritt tal-Komunità ta' varjetajiet ta' pjanti, iżda li għalihom l-Artikolu 116(4), ir-raba' inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 ma japplikax, l-estensjoni tat-terminu prevista fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandha titnaqqas bl-itwal perjodu ta' żmien fi snin kalendarji sħaħ li matulu kwalunkwe dritt jew drittijiet nazzjonali ta' varjetajiet ta' pjanti mogħtija kienu effettivi fi Stat Membru rigward l-istess varjetà qabel l-għotja - tad-drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
